ABBOZZ TA' KWESTJONARJU GĦALL-VIĊI PRESIDENT BARROT

1. Il-politiki ta' l-UE li huma marbuta mat-twettiq ta' zona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja (AFSJ) komplew iżommu, ukoll wara t-Trattat ta' Liżbona, l-elementi speċifiċi tagħhom meta mqabbla mal-politiki l-oħrajn ta' l-UE. Dan l-aktar minħabba li huma jolqtu setturi li huma u jibqgħu prijoritarji u huma marbuta mas-sovranità nazzjonali, li jiġġustifika l-irwol li huwa riservat għall-Kunsill Ewropew, id-dritt għal inizjattiva leġiżlattiva ta' l-Istati Membri u l-involviment tal-Parlamenti nazzjonali, mhux biss fid-definizzjoni imma wkoll fl-evalwazzjoni ta' dawn il-politiki.

F'dan il-kuntest, xi rwol beħsiebek tassumi biex tiffaċilita x-xogħol leġiżlattiv u l-politika tal-Parlament Ewropew, kemm rigward aċċess għall-informazzjoni meħtieġa, kif ukoll rigward koperazzjoni effettiva mal-Kunsill u mal-Parlamenti nazzjonali? X'miżuri beħsiebek tieħu biex jiggarantixxu li l-Istati Membri jittrasponu integralment u japplikaw tajjeb il-leġiżlazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea fl-iskadenzi konċernati? F'dak li jirrigwarda ftehimiet internazzjonali, inti dispost li tinforma lil-LIBE dwar il-progress fin-neguzjati kif titlob il-ftehima ta' qafas PE-Kummissjoni, filwaqt li tfakkar lill-pajjiżi terzi dwar l-obbligu li għandek li tinforma lill-Parlament?

2. Wara li jkun ġie ratifikat it-Trattat ta' Liżbona huwa jkun vinkolanti u l-UE tingħaqad ma' l-ECHR. Kif diġà ddikjarat il-Kummissjoni, ma jkunx aktar biss il-każ li wieħed jipproteġi d-drittijiet fundamentali imma li dawn jiġu promossi kemm fit-twettiq tal-politiki ġodda u kemm fl-orjentament mill-ġdid ta' l-acquis ta' l-UE, b'mod partikulari rigward il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, il-promozzjoni ta' dinjità tal-bniedem u t-tisħiħ tad-drittijiet taċ-ċittadinanza Ewropea.

X'beħsiebek tagħmel biex terġa' tagħti spinta lix-xogħol tal-Kummissjoni u l-koperazzjoni interistituzzjonali rigward id-drittijiet fundamentali minn issa sa tmiem il-mandat? Bħala koordinatur tal-Grupp ta' Kummissarji għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali beħsiebek taċċellera d-Direttiva Orizzontali ġdida rigward il-ġlieda kontra kull forma ta' diskriminazzjoni (Art. 13 TKE) sabiex il-PE ikun jista' jeżaminaha qabel it-tmiem tal-leġiżlatura? Lesta l-Kummissjoni li tikkonsulta regolarment ma' LIBE rigward vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali fi ħdan l-UE? Beħsiebek issaħħaħ s-servizzi tal-Kummissjoni u tagħmel aktar trasparenti l-evalwazzjoni ta' l-impatt fuq id-drittijiet fundamentali ta' l-inizjattivi leġiżlattivi ġodda?

3. Minħabba l-globalizzazzjoni l-Unjoni Ewropea qed issib ruħha tassumi rwol dejjem akbar fil-kwistjoni tal-politika għall-migrazzjoni u t-Trattat ta' Liżbona se jippermetti lill-Parlament Ewropew li jilleġiżla, kemm fil-qasam ta' l-immigrazzjoni illegali, kif ukoll f'dak tal-politika għall-akkoljenza u l-integrazzjoni.

Fid-dawl ta' l-għanijiet iddikjarati tal-Kunsill, kif beħsiebha l-Kummissjoni tiggarantixxi strateġija ġdida għall-protezzjoni tal-fruntieri esterni ta' l-UE, it-tfassil ta' kondizzjonijiet uniformi tad-dħul u s-soġġorn ta' l-immigranti, hekk li jiġu promossi l-integrazzjoni kif ukoll id-drittijiet tagħhom marbuta maċ-ċittadinanza, filwaqt li tikkumbatti l-fenomenu li dejjem qed jikber ta' l-esplojtazzjoni ta' persuni (immigranti u mhux immigranti) u t-traffikar tal-bnedmin waqt li fl-istess ħin

tiggarantixxi l-libertà ta' moviment taċ-ċittadini Ewrope u li jiġi evitat il-ġbir indiskrimat ta' dejta personali filwaqt li tiġġieled kontra r-reati gravi u t-terroriżmu

4. Wara d-dħul; fis-seħħ tat-Trattat ta' Liżbona l-koperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura tiġi regolamentata b'kodeċiżjoni mal-Parlament Ewropew u taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja. Rigward l-atti li diġà ġew adottati f'dan il-qasam, hemm previst li tkun tista' ssir reviżjoni fi żmien ħames snin wara d-dħul fis-seħħ tat-trattat.

Minħabba l-fatt li l-acquis ta' l-Unjoni f'dawn il-kwistjonijiet huwa żbilanċjat ħafna u billi dawn huma oqsma essenzjali għaċ-ċittadini Ewropej u għall-Istati Membri, int lest li tibda x-xogħol ta' preparazzjoni biex malli jidħol fis-seħħ it-Trattat ta' Liżbona tippreżenta proposti rigward il-protezzjoni tad-dejta, garanziji proċedurali, il-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-għarfien reċiproku fis-settur tal-ġudikatura u tal-pulizija?

5. L-adozzjoni finali tar-regolamenti legali li japplikaw għall-obbligi kuntrattwali u mhux kuntrattwali ("Rome 1" u "Rome II"), tad-direttiva fuq ċerti aspetti tal-medjazzjoni rigward kwistjonijiet ċivili u kummerċjali, ir-regolament li jistabbilixxi proċedura ta' ordni ta' ħlas Ewropea, ir-regolament li jistabbilixxi proċedura Ewropea għal talbiet ta' ammonti baxxi (small claims) u r-Regolament li jirrigwarda n-notifika u l-komunikazzjoni fl-Istati Membri ta' atti ġudizzjarji u ekstraġudizzjarji f'materji ċivili u kummerċjali, ilkoll kemm huma jirrapreżentaw fażijiet ta' importanza indiskutibbli għall-ħolqien ta' zona legali komuni fi ħdan l-Unjoni Ewropea.
Fl-opinjoni tiegħek, il-miżuri li ġew adottati s'issa f'dawn l-oqsma huma biżżejjed? X'inizjattivi supplimentari jistgħu jiġu ppjanati? Fil-fehma tiegħek, liema huma l-prijoritajiet u l-objettivi li għandhom jiġu segwiti fis-snin li ġejjin biex jippromwovu zona Ewropea ta' ġustizzja ċivili kif previst fl-Aġenda ta' Tampere u fil-Programm ta' Le Hague? Int lest tikkunsidra l-promozzjoni ta' armonizzazzjoni tal-liġi privata fis-setturi li jirrigwardaw l-integrazzjoni tas-suq, bħalma huwa l-liġi kummerċjali jew il-liġi tal-kuntratti? Kif taħseb li tista' tissaħħaħ id-dimensjoni Ewropea tat-taħriġ ta' l-avukati u tal-maġistrati?